# LILL-POËZIJA

B'tagħrifa ta' mħabba lejn il-"qassis poeta" DUN KARM li kebbes fija bi kliemu dawn il-versi.

Kemm drabi, tfajla, wara l-bieb ta' mħabbti
 Ġejt tħabbatli bil-môd u ssamma' leħnek
 Ta' seħer u ta' ħlewwa!
 Kemm kont nitgħaxxaq bik u nilqgħek sewwa,
 Ħajja tal-ħajja tiegħi!
 Kemm kont bil-qalb imbus
 It-tbissima ta' fommok, u nross miegħi
 Il-ġmiel mistur fi lbiesek tal-bellus!

Tista' tibridli qatt, tista' tibridli
 Il-ħeġġa li kebbist bħan-nar ġe'fija,
 Tfajla tas-sebħ, għalik?
 Nista' ninfired minnek, jekk għalija
 Fl-ogħna mħabba dewwibt ħajrek u żînek?
 Nista' ma naħsebx fik?
 Jew nibdlek ma' xi ħadd għall-ġid u l-għana,
 U ma nqimekx għal dinek?
 Li ma kontx inti, l-ħolma tal-poëta,
 Min kien iżeffen fis-sbuħija l-qalb,
 Jew ibennen quddiemha frott ħajjitna
 Maqlugħ bl-imħabba ta' xulxin u t-talb?
 U lilek min ifarrġek? min isebbħek,
 Dieqa li tarfa' l-bniedem?
 Min kien jaħseb jgħollik, c mrar tal-ħajja,
 Li tħenni l-midneb niedem?

Emminni Tfajla ħelwa, nħoss u nifhem
 Li bħalek, għaġeb tal-ħolqien, ma hemmx:
 Jistqarruhuli kull fl-għaxija l-kwiekeb,
 U kull fil-għodu x-xemx!
 Il-mewġa tal-ħaxix, tal-warċ iż-żifna
 Minnek tagħraf għanjitha;
 L-ilma li jxoqq mill-blat nadif u safi
 Ħliefek ma jsemmi 'l ħadd;
 U d-dawl li jsaħħar kull fejn jitfa' lwienu
 Mingħajrek xin hu qatt?

Kif nista' mmela ma nħobbokx, ja demmi?!
Kif nista' miegħi ma ngħannqekx u mbusek?!
Int taf in-naħal, taf ilwien il-friefet,
Taf il-larinġa, li ma bħalha, tagħna,
Taf is-smewwiet bid-deh'b u l-fidda mtektka,
Taf l-ilmijiet bla qiegħ li jduru magħna.
L-għasafar tawk leħenhom,
Is-siġar frotthom u ħdurithom tawk...
Bi ġwienaħ imżewqin u kollok fwieħa
Il-moħħ u l-qalb donnawk.

Is-sliem għalik, is-sliem għalik, o tfajla,
Sultana ta' kull ġenna;
Tfajla t'egħġubijiet, li ż-Żmien u l-Wisa'
Minn waqt għal ieħor li jgħarrfuk tistenna!
Is-sliem għalik, is-sliem għalik! Issokta
Ejja ħabbatli wara l-bieb ta' mħabbti
Kif għamilt drabi oħra;
Issokta ejja kuljum u leħnek għasli
Dejjem bil-mod sammagħli.
Jien lil ħadd ma baqagħli:
Kun int kollox għalija,
O għajn ta' kull sbuħija.
Issokta ejja kuljum u tehdiex miegħi
Tiftaħ kollha kemm hi qalbek bla tebgħa:
Miegħi toqgħodx tinħeba;
Għaliex miegħek nixtieq nitwaħħad jiena...
Busni bil-mod, ja Tfajla safja, busni:
U tinsa' qatt li qalb ir-rand u ż-żahar
Qassis poëta, l-ikbar Qaddej tiegħek,
Ġejt bil-ħlewwa turini u tgħidli: Żommu
B'Imgħallmek, u min-naħla tgħallem
Iġbor l-għasel minn fommu.

2-II-35 R. P.